**30 ta' Mejju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Victor Denaro noe

*versus*

Avukat Dottor Anton Buttigieg noe

**Stampa — Inġurja bl- — Fair comment — Verità tal-fatti — Kritika politika**

*Ma tistax l-inġurja bl-istampa tiġi ġustifikata fuq il-bażi tal-"fair comment", meta l-kritika li tkun tikkontjeni tkun ta' natura offensiva u li tista' tagħmel deni lill-persuna nġurjata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija wara li jippremetti illi fil-ħarġa tal-imsemmi ġurnal "Voice of Malta" tas-27 ta' Settembru, 1959, numru 35 (Dokument "A") u fl-ewwel paġina tiegħu, il-konvenut ippubblika artikolu ntitolat "House of Wax" mis-City Editor tal-istess ġurnal li jibda bil-kliem "One of the very few......" u jispiċċa bil-kliem "It is only a question of time and timing"; u illi dana l-artikolu jikkontjeni allużjonijiet u insinwazzjonijiet diffamatorji għad-ditta attriċi li hi l-proprjetarja ta' "Strickland House" u ġie miktub bl-iskop evidenti biex itellef l-istima tad-ditta attriċi u jesponiha għad-disprezz tal-pubbliku; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat — previja d-dikjarazzjoni li l-artikolu fuq imsemmi hu gravament diffamatorju għad-ditta attriċi — iħallsu fl-imsemmija kwalità tiegħu dik is-somma li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha mhux aktar minn erba' mitt lira, bħala ripa-

razzjoni tal-inġurja magħmula mill-konvenut għad-dannu tad-ditta attriċi bil-pubblikazzjoni ta' l-artikolu preċitat. B'riserva *ta' l-azzjoni tad-danni reali u bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali* mid-data tas-sentenza kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u d-dokument minnu prodott maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jesponi illi l-artikolu nkriminat jikkonsisti fl-allegazzjoni prinċipali li xi mpjegati ta' Strickland House kienu telqu l-impieg jew se jitilqgħu u f'tgħajjir politiku ieħor bħalma huwa "pillars of British rule in Malta" eċċ., illi kwantu għall-allegazzjoni li l-impjegati msemmijin fl-artikolu kienu telqgħu din hija vera, kif ammetta l-Manager ta' l-istess ditta attriċi, u kwantu għall-allegazzjoni li oħrajn kienu se jitilqu, din hija vera wkoll għaliex fil-fatt wara l-pubblikazzjoni tal-artikolu tliet impjegati oħra telqgħu; illi kwantu għat-tgħajjir politiku, dan huwa kumment ġust fuq il-politika segwita mill-erba' ġurnali li toħroġ id-ditta attriċi, u kumment magħmul fil-latitudini ammessa mill-ġurisprudenza Ingliża u lokali fir-rigward ta' persuni politiċi; illi għalhekk l-artikolu in kwistjoni mhux inġurjuż;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

Semgħet lix-xhieda, fosthom il-konvenut;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat;

*Illi l-azzjoni eserċitata mill-attur hija dik ta' riparazzjoni* pekunjarja b'konsegwenza u b'effett ta' reat ta' nġurja bħala *li jilledi l-istima tad-ditta attriċi u li jesponiha għad-disprezz* tal-pubbliku;

Illi l-attur jagħmel hekk jikkonsisti l-addebitu nġurjuż li tiegħu jippretendi għandu jirrispondi l-konvenut fil-kwalità tiegħu premessa, fl-artikolu ntitolat "House of Wax" pubblikat fil-ġurnal "Voice of Malta" tas-27 ta' Settembru, 1959, li għalih hemm riferenza fiċ-ċitazzjoni;

Illi kif jesponi fid-dikjarazzjoni annessa mal-eċċezzjonijiet, il-konvenut jirrikonoxxi illi hu huwa l-editur tal-"Voice of Malta" u illi hu ppubblika l-artikolu in kwistjoni;

Illi huwa ormaj paċifikament risaput li fl-apprezzament ta' komponiment letterarju, — ikun dan artikolu ta' ġurnal, opuskolu jew volum ta' studju — mhux leċitu li wieħed jieħu biss il-brani singoli, il-frasijiet stakkati u l-kliem isolati, imma huwa neċessarju li japprezzah fil-kompless tiegħu u fl-iskop li għalih irid jasal, b'konsiderazzjoni tal-fonti li minnha jipprovjeni, biex jara f'din l-analisi komplessiva l-animu ta' min kitbu. Mill-kompless tiegħu, a parti mill-frażijiet fih użati, jidher evidenti li l-konċett dominanti ta' l-artikolu *in kwistjoni* huwa dak li d-ditta attriċi tinsab f'paniku, billi hija **"house of wax"; dilapidated** pillars of "British Colonial rule"; b'nasty cracks in its structure; gloomy looking house **sinking fast,** doing everything to avert complete disaster; u minħabba f'hekk xi impjegati ħallew u oħrajn se jħallu l-impieg tagħhom ma l-istess ditta. Ċertament il-kontenut ta' dan l-artikolu huwa *libellus*; *il-kliem użati huma ta' sens diffamatorju*;

Illi huwa wkoll risaput li min jiġi nġurjat bil-pubblikazzjoni ta' kliem diffamatorju ma għandux bżonn jipprova illi l-addebiti magħmula huma foloz, għaliex il-liġi tippresumi din il-falsità favur tiegħu, b'danakollu l-attur ipprova li għalkemm huwa veru li l-impjegati msemmijin fl-artikolu in kwistjoni *kienu ħallew l-impjieg mad-ditta attriċi, huma għamlu hekk* biex jimmeljoraw il-pożizzjoni tagħhom u mhux għar-raġunijiet allegati fl-imsemmi artikolu, u anzi kien hemm min ħalla

l-impieg u mar talab li jiġi rimpjegat. Din iċ-ċirkostanza tinfiċja l-eċċezzjoni tal-konvenut li jgħid li hu pprova l-verità tal-fatt minnu msemmi ċioè li kien hemm impjegati li ħallew l-impieg mad-ditta attriċi, u tiddimostra di più l-animu tiegħu li jinġurja lill-istess ditta. Il-konvenut kien ikun ipprova dik il-verità kieku ġie stabbilit li dawk l-impjegati ħallew l-impieg tagħhom għar-raġunijiet minnu allegati;

Illi l-konvenut jeċċepixxi li l-artikolu nkriminat jikkonsisti f'tgħajjir politiku bħal "pillar of British rule in Malta", li huwa komment ġust fuq il-politika segwita mill-ġurnal li toħroġ l-istess ditta, u li kumment bħal dan huwa ammess. Din l-eċċezzjoni mhix sostenibili. L-ewwelnett il-kliem użati ma kienux merament "pillars of British rule in Malta, imma "**dilapidated** pillars etc" liema aġġettiv ċertament jagħti sens ieħor, u dan a parti l-frasijiet l-oħra użati fosthom dawk 'il fuq imsemmiijin. Il-konvenut jissottometti li dawn il-frasijiet mhumiex ħlief komment ġust magħmul fil-latitudini ammessa mill-ġurisprudenza Ingliża u lokali a rigward ta' persuni politiċi. Huwa veru li l-kritika xjentifika, artistika, letterarja u anke ġornalistika, bħala applikazzjoni tal-"jus corrigendi" u "narrandi" tesonera minn responsabilità penali lil min jagħmilha, basta però li l-istess tinżamm fil-kamp tal-idejat u ma toffendi lil ħadd: u l-kliem użati, kif ingħad, joffendu lid-ditta attriċi. Barra minn dan, huwa magħruf illi biex "kumment" jista' jissejjaħ ġust, ċioè ġustifikat, jeħtieġ li jkun "fair and bona fede" u li ma jistax ikun tali jekk il-fatt attribwit ma jkunx veru u l-affarijiet addebitati, permezz tal-artikolu, ġa msemmi, lid-ditta attriċi mill-konvenut ma jirriżultax li huma veri. Anke jekk huwa leċitu lil konvenut li jiddenunzja xi fatti tal-volta biex jillumina l-pubbliku, żgur ma kienx għalih leċitu jabbuża, kif għamel, minn din il-fakoltà;

Illi d-domanda ta' l-attur hija ġustifikata. Kif ingħad aktar 'il fuq, l-artikolu in kwistjoni huwa libellus, għaliex jilledi

l-unur u l-fama tad-ditta attriċi, u jesponiha għar-ridikolu u għad-disprezz tal-pubbliku, u jagħmilha ħsara fil-kummerċ tagħha, billi jagħti wieħed x'jifhem li Strickland House — li hija proprjetà tad-ditta attriċi — hija dar tax-xema, li qed tiġġarraf u kwindi mhix tali li wieħed jinnegozja magħha;

Illi għalhekk il-konvenut għandu jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine somma ta' flus bħala riparazzjoni tal-inġurji fuq imsemmijin; liema somma, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għall-proporzjon tar-riparazzjoni li għandha tkun applikata fil-fatti speċji in relazzjoni għal latitudini li l-liġi tistabbilixxi fil-massimu għandha tkun kif se jissemma;

Għal dawn ir-raġunijiet,

Tiddeċiedi adeżivament għad-domanda ta' l-attur nomine billi tikkundanna lil konvenut nomine jħallsu għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni s-somma ta' tletin lira (£30), bl-ispejjeż kollha tal-kawża.